— tiddikjara li l-effetti tar-regolament annullat u ta' kull miżura adottata b'applikazzjoni tiegħu huma definittivi sakemm ir-regolament imsemmi jiġi sostitwit, f'terminu raġonevoli, b'atti adottati b'mod konformi mat-Trattat kif interpretat mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja;

— tikkundanna lill-konvenuti għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-Kummissjoni titlob l-annullament tal-Artikolu 1(1), kif ukoll tal-Artikolu 1(4), sa fejn dan jintroduċi Artikolu 4b ġdid, tar-Regolament (UE) Nru 1289/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Diċembru 2013, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati minn dik il-ħtieġa. Sussidjarjament, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li d-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq ma jistgħux jiġu sseparati mill-bqija tar-regolament ikkontestat, il-Kummissjoni titlob l-annullament tar-regolament imsemmi fl-intier tiegħu.

Il-Kummissjoni tqis li d-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq huma inkompatibbli mal-Artikoli 290 u 291 TFUE sa fejn dawn jipprovdu għall-użu ta' atti delegati, għaliex l-atti delegati inkwistjoni la jikkompletaw u lanqas ma jemendaw l-att leġiżlattiv, iżda jimplementawh.

(1) ĠU L 347, p. 74.

---

**Appell ippreżentat fl-4 ta' Marzu 2014 minn Investigación y Desarrollo en Soluciones y Servicios IT, S.A. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fit-13 ta' Jannar 2014 fil-Kawża T-134/12, Investigación y Desarrollo en Soluciones y Servicios IT vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-102/14 P)**

(2014/C 135/30)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Appellanti:* Investigación y Desarrollo en Soluciones y Servicios IT, S.A. (rappreżentant: M. Jiménez Perona, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tal-appellanti**

— tannulla, fit-totalità tiegħu, id-digriet mogħti mill-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) fit-13 ta' Jannar 2014, fil-Kawża T-134/12, sa fejn dan jiddikjara inammissibbli r-rikors għal annullament;

— sussidjarjament, tannulla parti jew diversi partijiet tal-imsemmi digriet:

  — tannulla d-digriet sa fejn dan jirrigwarda l-għajnuna rċevuta għall-proġetti elenkati fl-ewwel paġna tar-rikors promotur tar-rikors għal annullament;

  — tannulla d-digriet sa fejn dan jirrigwarda l-inammissibbiltà tat-talba għad-danni relatata mal-proġett *BeyWatch*;

  — tannulla d-digriet sa fejn dan jirrigwarda l-inammissibbiltà tat-talba għad-danni relatata mal-proġett *Indect*;

  — tannulla d-digriet sa fejn dan jirrigwarda l-inammissibbiltà tat-talbiet għad-danni relatati ma proġetti oħra;

— tibgħat lura d-digriet fit-totalità tiegħu quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi fuq il-mertu;

— sussidjarjament, tibgħat lura parti jew diversi partijiet, li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis opportun, sabiex jiġu eżaminati fuq il-mertu mill-Qorti Ġenerali;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' din il-proċedura kif ukoll għal dawk tal-Kawża T-134/12, li tirrigwarda l-istess motivi.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Id-digriet huwa vvizzjat minn żball ta' fatt fl-evalwazzjoni tal-provi, sa fejn il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni ċerti atti li r-rikorrenti pproduċiet fil-kuntest tar-rikors tagħha. Ir-rikorrenti tqis li l-Qorti Ġenerali injorat fatti, ommissjonijiet u atti li kienu ta' importanza kbira għall-motivazzjoni tad-digriet.

Id-digriet huwa vvizzjat minn żball ta’ liġi fl-evalwazzjoni tal-provi, sa fejn il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li seta jintuża biss ir-rimedju previst fl-Artikolu 272 TFUE u mhux dak previst fl-Artikolu 263 TFUE.

Id-digriet huwa vvizzjat minn żball ta’ liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali ma eżaminatx il-fatt li l-Kummissjoni qarrqet bir-rikorrenti meta tagħtha x’tifhem li n-noti ta’ debitu kienu jikkostitwixxu att definittiv adottat fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħha u li għalhekk setgħu jkunu s-suġġett ta’ rikors. Il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta’ ugwaljanza u ta’ nondiskriminazzjoni stipulat fl-Artikolu 20 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Id-digriet huwa vvizzjat minn żball ta’ liġi fl-evalwazzjoni tal-provi, sa fejn il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatti, l-ommissjonijiet u l-atti msemmija fl-ewwel paragrafi tal-appell.

Id-digriet huwa vvizzjat minn żball ta’ liġi fl-evalwazzjoni tan-nuqqas ta’ motivazzjoni u tal-assenza ta’ kwalunkwe kumment mill-Kummissjoni dwar parti kbira mill-argumenti magħmula mir-rikorrenti fil-kuntest tar-rikors għal annullament tagħha.

Id-digriet huwa vvizzjat minn żball ta’ fatt u ta’ liġi fl-evalwazzjoni tal-provi, fir-rigward tal-inammissibbiltà tat-talba għal kumpens relatata mal-proġett *BeyWatch*, li tipperikola s-sostennibbiltà tiegħu. Ir-rikorrenti wriet li r-rikors għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali huwa fondat u li r-rekwiżiti kollha imposti mill-ġurisprudenza Komunitarja għall-preżentata ta’ tali rikors huma sodisfatti.

Id-digriet huwa vvizzjat minn żball ta’ liġi fl-evalwazzjoni tal-provi, fir-rigward tal-inammissibbiltà tat-talba għal kumpens relatata mal-proġett *Indect*, sa fejn il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-uniku rimedju disponibbli kien dak tar-responsabbiltà kuntrattwali filwaqt li skont il-ġurisprudenza Komunitarja, l-uniku rimedju li jippermetti li l-Kummissjoni tinżamm responsabbli għal nuqqas ta’ motivazzjoni huwa dak tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali.

Id-digriet huwa vvizzjat minn żball ta’ liġi fl-evalwazzjoni tal-provi, fir-rigward tal-inammissibbiltà tat-talbiet għal kumpens relatati ma proġetti oħra, sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja estendiet il-ġurisdizzjoni tagħha bħal li kieku kienet adita *ex officio*.

---

## Rikors ippreżentat fl-10 ta’ Marzu 2014 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Isvezja

## (Kawża C-114/14)

(2014/C 135/31)

*Lingwa tal-kawża: l-Isvediż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Enegren u L. Lozano Palacios, bħala aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju tal-Isvezja

### Talbiet tar-rikorrenti

— tikkonstatata li, billi ma eżentax il-provvisti ta’ servizzi postali magħmula mis-servizzi postali pubbliċi, u l-provvista ta’ oġġetti inċidentali għal dawn il-provvisti, u meta ma eżentax il-provvisti, għall-valur nominali tagħhom, ta’ bolli tal-posta validi għall-pustaġġ fit-territorju nazzjonali, ir-Renju tal-Isvezja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikoli 132(1)(a) u 135(1)(h) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta’ Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud ([1]).

— tikkundanna lir-Renju tal-Isvezja għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat rikors kontra r-Renju tal-Isvezja skont l-Artikolu 258 TFUE għall-motivi li ġejjin.

L-Artikolu 132(1)(a) tad-Direttiva 2006/112 jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jeżentaw il-provvisti ta’ servizzi u l-provvisti ta’ oġġetti inċidentali għal dawn il-provvisti magħmula mis-servizzi postali pubbliċi.